TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/64/17/S

Ylenia Attard
Vs
ICE Malta (Institute of Computer Education Ltd)

Illum 27 ta'Lulju,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Ylenia Attardipprezentata fis-6 t'April,2017 u r-risposta tas-socjeta ICE Malta (Institute of Computer Education Ltd) ipprezentata fis-26 t'April,2017;

Ra d-dokumenti pprezentati inkluz in-noti ta'sottomissjonijiet taghhom kif ukoll sema' lill-partijiet;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda kors li nbeda' izda ma tkompliex wara diversi ilmenti daparti tar-rikorrenti filwaqt li s-socjeta intimata kkontestat dak allegat mir-rikorrenti u ghamlet riferenza ghall-kundizzjonijiet tal-kors u kkonfermat li r-rikorrenti ghazlet li tpoggi ghall-ezami qabel spicca l-kors;

Illi jinghad mal-ewwel li ma ngabet ebda prova konklussiva dwar dak allegat mir-rikorrenti;

Illi jinghad ukoll li ghalkemm il-kliem kwotat li intqal mill-ghalliem ma kienx f'loku, dan wahdu ma jiggustifikax l-agir tar-rikorrenti li tieqaf mill-kors;

Illi gjaladarba r-rikorrenti kkonfermat l-attendenza taghha, hija kienet konxja mill-kundizzjonijiet tal-kors;

Illi gjaladarba il-kors ikun beda' u jkunu saru numru ta'lezzjonijiet, post il-persuna li tieqaf difficli biex jigi mimli minn haddiehor;

Illi s-socjeta intimata kkonfermat li r-rikorrenti attendiet ghaxra mill-erbatax-il lezzjoni tal-kors u ghamlet ukoll l-ezami finali;

Illi dan jimmilita kontra l-verzjoni moghtija mir-rikorrenti;

Illi mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal, ma jirrizultax li hemm lok ghar-rexissjoni tal-kuntratt bejn il-partijiet;

Illi kif fuq inghad, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti hi wahda li ma tistax tintlaqa';

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Ylenia Attard filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta ICE Malta (Institute of Computer Education Ltd), b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru